# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 49/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Carol Fabri)

vs

**Emmanuel Calleja**

iben Saviour , imwieled Pieta', fis-7 ta' Marzu, 1986, detentur tal-karta tal-identita' numru 118186(M)

Illum 23 ta' Otturbu, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Emanuel Calleja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2013, għall-ħabta tas-13.10hrs ġewwa Triq Żejtun, M'Xlokk:

1. Talli ikkaġunajt lil missierek Salvatore Calleja biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti,

dixxendenti, aħwa subien jew bniet, meta kont taf jew imissek kont taf li l-imġieba tiegħek se tikkaġuna din il-biża.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti lliberat lill-appellat mill-akkużi kif dedotti kontra tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Emmanuel Calleja minnu ppreżentat fis-17 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fl-erbgħa (4) ta' Frar 2014, l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċizjoni tagħha (a) fin-nuqqas tax-xhud (li kien debitament notifikat b'riferta pożittiva sabiex jidher għas-seduta), u (b) f'kuntest fejn l-uffiċjal prosekutur ma rrinunzjax għal tali xhud (vide verbal tas-seduta a fol 7 tal-proċess). B'hekk id-dritt tal-Pulizija li ġġib prova indispensabbli biex issaħħaħ l-akkużi tagħha ġie manifestament mittiefes. Għalhekk l-esponent qed jappella *inter alia* ai termini ta' l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

1) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċizjoni tagħha mingħajr ma ħalliet lill-Pulizija tipproduċi b'appoġġ għall-akkużi, prova indispensabbli u ammissibbli skond il-liġi peress li l-Qorti iddeċidiet il-każ fin-nuqqas tax-xhieda ta' Salvatore Calleja.

Dan peress li x-xhud Salvatore Calleja kien debitament notifikat sabiex jidher għas-seduta skond r-riferta pożittiva li tħalliet fir-residenza tiegħu stess mal-kunjata tiegħu;

L-ufficjal prosekutur qatt ma rrinunzja għal dan ix-xhud peress tali xhieda kienet indispensabli. Fil-verbal tas-seduta a fol 7 tal-proċess, l-uffiċjal prosekutur qal li m'għandux xhieda oħra

apparti Salvatore Calleja pero' fl-ebda mument ma rrinunzja jew b'xi mod iddispensa lil-istess Salvatore Calleja milli jixhed.

L-indispensabilita ta' Salvatore Calleja toħrog ċara mil-fatt illi dan ix-xhud kellu jixhed rigward il-fatti li dan il-każ hu msejjes fuqhom, peress li kien propju Salvatore Calleja li għamel ir-rapport fl-għassa ta' Birżebbuġa;

Illi inoltre' l-provvediment tal-liġi taħt liema l-imputat huwa akkużat ma teħtieġx li l-azzjoni kriminali trid titmexxa mill-offiż, iżda għandha tiġi mmexxija mil-Pulizija ex-officio. Huwa prinċipju ben magħruf li fejn il-liġi trid tħalli tali azzjoni f'idejn l-offiż jew il-kwerelant, irid ikun speċifikat fl-istess liġi. Fejn mhux speċifikat, l-Pulizija jistgħu jmexxu ex-officio. F'dan il-każ huwa ċar li t-tmexxija ta' din l-azzjoni kienet tispetta lil-Pulizija, stante ukoll li l-liġi mkien ma tispeċifika li għal dan ir-reat tinħtieġ il-kwerela tal-offiż jew inkella li l-azzjoni titmexxa mill-offiż stess u għaldaqstant Salvatore Calleja kien xhud indispensabbli tal-prosekuzzjoni. Għalhekk joħroġ ċar li l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas segħtat tapplika l-provvediment tal-Artikolu 374 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi ġie ribadit minn dawn il-Qrati illi meta xhud ikun debitament notifikat u tali xhud ma jidhirx quddiem il-Qorti biex jixhed, dik il-Qorti għandha, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx espliċitament iddikjarat illi rrinunzjat ghal dak ix-xhud, u kemm il-darba dak ix-xhud ikun indispensabbli għall-prosekuzzjoni, tiddifferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud skond il-liġi[1].

Illi għalhekk l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tiddifferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud skond il-ligi u mhux tgħaddi għal-liberazzjoni tal-akkużat.[2]

---

[1] Ara, inter alia, "Il-Pulizija vs Saviour Farrugia" 25 ta' Lulju 1994, Qorti ta' l-Appell Kriminali.

[2] Ara *il-Pulzija vs Mario Saliba 1982, il-Pulzija b Louis Farrugia 1995 u il-Pulzija vs Pierre Schembri 1996 u* aktar ricenti *il-Pulizija v Charmaine Fenech* tas 16 ta' Frar 2007.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa bbażat fuq il-fatt li l-Prosekuzzjoni kellha d-dirtt tressaq bħala xhud lil Salvatore Calleja imma l- Ewwel Qorti għaddiet għall-liberatorja mingħajr ma deher għas-seduta meta ġiet preżentata riferta posittiva.

Il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2014 a folio 7 huwa konċiż u ma hemm ebda indikazzjoni li x-xhud Salvatore Calleja kien ġie notifikat jew li ġiet preżentata riferta posittiva tiegħu. Hemm miktub biss li ġie msejjaħ diversi drabi u ma deherx.

Din il-Qorti fliet l-atti u r-riferta posittiva li jagħmel referenza għaliha l-Avukat Ġenerali fl-appell tiegħu a folio 12 ma teżistix.

In oltre, l-Prosekuzzjoni fis-seduta ddikjarat li ma għandhiex aktar provi xi tressaq u ma tinsisti bl-ebda mod mal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tixtieq li l-kawża tiġi differita għal data oħra għax ix-xhud ewlieni, u li għamel ir-rapport ma deherx .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-każ Pulizija vs Joseph Dougall fid-9 ta' Mejju, 1997 f'dan ir-rigward kienet qalet is-segwenti '*biex l-Avukat Ġenerali (jew skont il-każ, il-kwerelant), ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'każijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-Prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirriżulta mill-atti u bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament innotifikat (ara inter alia P. Vs Joseph Sharfid 12 ta'April, 1996 ; P. Vs Monica Schranz 21 ta' Frar, 1997 it-tnejn Appelli Kriminali) jew li l-Prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova*

*tinnotifikah. Il-prova li xhud ġie innotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir, bħala regola, permezz ta' riferta.'*

Fil-każ in diżamina ma ġietx preżentata riferta posittiva u ma hemm ebda indikazzjoni wisq anqas xi prova li dana x-xhud kien ġie debitament notifikat għas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2014 b'mod għalhekk li l-ilment tal-Avukat Ġenerali a bażi tal-Artikolu 413 (1) (b) (vi) hu infondat.

Għaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.